MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2014

Appell Civili Numru. 1515/2010/1

**ICON STUDIOS LIMITED (C26538)**

**Vs**

**THE GOLDEN SHEPHERD GROUP LIMITED(C14948)**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza tal-04 ta’ Ottubru 2012, fejn it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*“It-Tribunal:-*

***I PRELIMINARI***

***Ra** l-AVVIZ formulat hekk:-*

*Peress illi s-socjeta' attrici rendiet servizzi lis-socjeta' konvenuta, liema servizzi huma relatati ma' disinn u hosting tal-website ta' l-Isptar "St. Philips Hospital", u ghal dan irrilaxxjat diversi fatturi annessi u mmarkati bhala Dok. ISL 1 – ISL 3;*

*U peress li l-bilanc dovut lis-socjeta' attrici jammonta ghal elf, sitt mija u tlieta u sittin euro u tmenin centezmu (€1,663.80) kif inhu evidenzjat mill-statement datat is-16 t'Awwissu tas-sena 2010 hawn anness u mmarkat bhala Dok ISL 5;*

*U peress illi minkejja diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas tal-bilanc dovut, is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti;*

*Ghalhekk is-socjeta' konvenuta qieghda tintalab thallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' €1,663.80 rapprezentanti drittijiet ghal servizzi ta' disinn u hosting tal-website ta' l-imsemmi sptar.*

*Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skond il-ligi.*

***Ra** r-RISPOSTA formulata hekk:-*

*1. Preliminarjament, in kwantu t-talba attrici tirreferi ghal zmien li jmur lura aktar minn sentejn mit-30 ta' Settembru 2010 (data li fiha gie ntavolat l-Avviz tat-talba) din waqghet bil-preskrizzjoni ta' sentejn skond l-Artikolu 2149 (c) tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta);*

*2. Subordinatament fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-succipit, it-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez billi s-socjeta konvenuta qatt ma ngaggat lis-socjeta' attrici ghal "hosting" izda ghal-dizinn ta' "website" biss lejn l-ahhar tas-sena 2002, ghal liema servizz is-socjeta' konvenuta debitament hallset lis-socjeta' attrici, u dan l-"hosting" kien u baqa jigi provdut minn Ondnet Services Limited (C 32392) u li ghalih is-socjeta' konvenuta hallset lill-Ondnet Services Limited (C 32392)*

***Ra** li fl-udjenza tal-21 ta' Gunju 2011 is-socjeta' konvenuta rrilevat li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hi limitata ghal certi invoices specifici u allura l-partijiet qablu li d-decizjoni dwar il-preskrizzjoni ghandha tinghata mal-gudizzju finali.*

## *II PROVI*

*(1) **Dr. GG. Gatt** ghas-socjeta’ attrici xehed (b’affidavit) li hu kien, f’isem is-socjeta’ attrici, reponsabbli ghal xoghol fl-interess tas-socjeta’ konvenuta, konsistenti f’bini ta’ website ghall-promozzjoni tal-isptar St. Philip kif ukoll il-hosting mehtieg biex il-website ikun hemm ghal min irid jarah. Ghal dan il-progett hu u Dr. Frank Portelli (ghall-kumpanija konvenuta) iltaqghu fil-Hotel Westin fit-23.12.2009. Ftehmu fuq il-prezz imnaqqas ta’ €1,239 biex isir hlas minnufih. Fl-Annex A hemm il-qbil ta’ Dr. Portelli li qallu li ried zmien biex jigri wara l-kredituri tal-isptar.*

*(2) Il-hlas ma sar qatt minkejja li nsistew ma Dr. Portelli (Annex B). Nghataw aktar zmien u l-hlas anke bla nteressi, baqa ma sarx (Annex C u D). Wara aktar sikkar talbu l-hlas b’ittra ta’ Dr. A. Mifsud Bonnici.*

*(3) Dr. Gatt ikompli li fis-“6 ta’ Settembru 2010 Dr. Portelli biddel id-diska fejn allega li qatt ma talab is-servizz ta’ hosting” u li kien qed jghid dan wara li kkonsulta mat-tim tekniku tieghu “OnDNet”. Irrizulta li “OnDNet ghamlu tibdiliet teknici lid-domain www.stphilips.com .net sabiex dan jutilizza s-servizz ta’ hosting minghand ICON. Dan jikkostitwixxi “gharfien li s-servizz ta’ hosting kien qed jinghata”. Hawn saret referenza ghall-Annex E u F.*

*(4) Ix-xhud qal li kien wara li s-socjeta’ attrici iccaqelqet ghall-hlas li Dr. Portelli qed jikkontesta l-hlas. Fil-fatt is-servizz ta’ hosting baqa jinghata sal-ahhar ta’ Frar 2011 u da parti ta’ Dr. Portelli ma ndenjax ruhu jgharrafhom meta waqaf juza s-servizzi taghhom. Jekk il-konvenut noe hallas xihaga bi zball lil haddiehor jaraha ma dan.*

*(5) **Dr. F. Portelli** ikkonferma l-laqgha ma Dr. GG GAtt fil-Westin Hotel u li ftehmu fuq design gdid ghall-website. Kien hemm xi ohrajn maghhom. Qatt ma tkellmu fuq hosting ghax ga kellhom servizz minn OnDNet ta’ Mario Psaila. Qal li huma hallsu l-pendenzi kollha mal-kumpanija attrici u l-kwistjoni hi biss fuq il-hosting. Dr. Gatt kien issuggerixxa xi trasferiment izda hu qallu li kien kuntent b’li kellu.*

*(6) Kienu ltaqghu hu, Dr Gatt u Mr. Psaila u hu spjega lil Mr. Psaila li s-socjeta’ attrici kienet ser tiehu hsieb id-design izda hu xtaq ikompli bil-hosting ghand Mr. Psaila pero Dr. Gatt kien wera x-xewqa li l-website tal-isptar tigi fuq il-computers tas-socjeta’ attrici biex ikun jista jahdem fuq id-disinn. Il-laqgha saret appozitament biex jinghad li l-hosting kelli jissokta minn Mr. Psaila ghax kieku ried mod iehor ma kienetx issir il-laqgha.*

*(7) Kien f'Gunju 2009 li hu rcieva l-email Dok FB b'xi query rigwardanti l-hosting. Nsista li m'ghandu jati xejn ta' hosting. Mill-2003 sal-2009 qatt ma rcieva xi att gudizzjarju.*

*(8) Muri l-Annex E, ix-xhud qal "jista jkun xi l-ewwel draft imma jien mhux dan l-agreement li ffirmajt ghalih". Hu kien qed ihallas ghall-hosting lil OnDNet. Zied jghid:-*

*Jiena meta sirt naf li kien hemm dan id-dizgwid jiena tlabt lill-On the Net jaghmlu l-hosting huma mill-gdid u kont ghidtilhom ukoll biex jibdew jamghlu u jmantnu l-website huma stess. Dawn l-istruzzjonijiet saru da parti tieghi lil On the Net biex jergghu jibdew jaghmlu l-hosting qisu mit-2010 lil hawn. Jiena nghid li lil On the Net bqajt inhallashom ghal hosting ghax skond jiena huma kienu li kelli d-dover li nhallashom ghal hosting. Rigwardanti dak il-perjodu bejn it-2004 u t-2009 jiena nghid li ghalkemm il-hosting kien isir ghand l-Icon ma kienx hemm pagamenti dovuti minghandi ghax dan il-hosting kien jirrigwarda biss il-maintenance tal-website biex ikollhom access ghall-istess website ghax inkella rridu l-permess tal-On the Net kull darba li jkollhom bzonn jaghmlu xi haga fl-istess website. On the Net ihhostjaw affarijiet bhal e-mails u servizzi simili u mhux il-website.*

*(9)* ***Mario Psaila,*** *qal hekk:-*

*Niftakar li kien hemm meeting fejn kien hemm prezenti Dr Gatt tal-Icon Studios kif ukoll Dr Portelli tas-St Philips peress li jiena kont l-kumpanija tieghi kienet tipprovdi internet services lil St Philips Hospital rigwardanti domains u e-mails u web hosting imma l-kumpanija tieghi ma kinitx taghmel web designs filwaqt li l-Icon Studios jaghmlu dan it-tip ta' xoghol u dan il-meeting kien intiz u f'dan il-meeting kienet saret diskussjoni kif il-kumpanija tieghi kellha tkompli tipprovdi servizzp ta' hosting e-mails u affarijiet simili kif konna dejjem naghmlu filwaqt li d-design kienet ser issir minn Icon Studios. Jiena at some point fil-meeting inqalghet il-kwistjoni li peress li kien hemm problema biex itellghu l-website ddisinjata minnhom fuq il-hosting taghna probabilment xi haga li kellha x'taqsam mas-security id-diskors kien li peress li kien hawn dawn id-diffikultajiet ahna kellna nkomplu naghmlu l-hosting tal-mail u affarijiet simili filwaqt li meta rigwardanti l-web page din kellha tigi hhostjata mill-Icon Studios bla hlas u b'hekk meta n-nies jidhlu fuq il-web page jigu re directed minghandna direttament ghal Icon Studios. Meta tani l-istruzzjonijiet Dr. Portelli biex nawtorizza din il-haga jiena hekk ghamilt. Ahna dejjem thallasna minghand St Philips kont wiehed li kien jinkludi wkoll l-hosting. Dawn il-hlasijiet ghadhom ghaddejjin sallum.*

In kontro-ezami qal:-

*Wara li kellna dan il-meeting li kien gara hu li l-website tal-Icon kienet qatt ma giet hostjata fuq is-servizzi taghna izda kienet immedjatament tigi re directed fuq l-hosting tal-Icon. Jiena ma ghamilt hosting tal-ebda website tal-Isptar St. Philips minn wara li din il-website tal-Icon provduta mill-Icon Studios giet re diretta kif ghadni kif spjegajt*

## *III KONSIDERAZZJONIJIET*

*It-TRIBUNAL, wara li qies dak kollu migjub hawn fuq u wara li qies is-sottomissjonijiet tad-difensuri iqis hekk:-*

*1. Hawnhekk ghandna zewg verzjonijiet tal-fatti, bis-socjeta' konvenuta tibdel il-pozizzjoni taghha waqt li ghaddej il-gbir tal-provi.*

*2. Wiehed hawn josserva li f'sede civili id-decident irid jiggwida ruhu billi jizen il-provi mressqa u jara jekk l-attur wasalx, sal-punt anke fuq bazi ta' probabiltajiet li, jipprova l-kaz tieghu. B'mod li d-decident ikun jista jati d-decizjoni tieghu favuru.*

*3. Wiehed irid, f'dal-kaz, jibda biex jiddeciedi l-kwistjoni tal-preskrizzjoni per art 2149 (c) tal-Kap 16 li hi dik ta' sentejn u tirrigwarda, inter alia l-hlas mitlub minn dawk li jezercitaw professjoni jew arti oltre dawk imsemmija specifikatament fl-istess subinciz. Hawn is-socjeta' konvenuta tindika li t-TALBA attrici giet intavolata fit-30 ta' Settembru 2010. Issa hawn jigi notat li s-socjeta' konvenuta, fl-udjenza tal-21 ta' Gunju 2011 qalet li kellha tirredigi prospett fejn tindika l-invoices li huma preskritt u dawk kontestati (ara fol 20).*

*4. Hawnhekk wiehed idur fuq l-Annex A, a fol 30, fejn Dr. Frank Portelli ghas-socjeta' konvenuta, f'email datat 11 ta' Jannar 2010 jghid hekk:-*

*Hi Gege*

*I am in agreement*

*Give us some time to get on top of our Creditors after the Xmas New Year break and we will settle the agreed amount.*

*It was good to talk to you too and we should meet up a little more after.*

*Thanks*

*Frank*

*5. Dan hu kliem car bizzejjed, fejn m'hemm ebda riserva u fejn ma tissemma ebda "bla pregudizzju". Kulma jfisser hu li qed jigi speci ta' negozjat meta u kif ser isir il-hlas. Jigifieri l-kreditur mhux qed jaqbez fuq id-debitur akkost ta' kollox u dana biex jati nifs lill-istess debitur li, kif qal hu stess, kellu jhabbat wiccu mad-debituri tieghu ukoll. Dan l-atteggjament tas-socjeta' attrici jista b'xi mod jippregudikaha meta tqis l-imgieba ta' ammissjoni da parti tad-debitur taghha?*

*6. Id-debitur ma jistax ikun aktar car meta fl-annex B (a fol 28) insibu dak li gej indirizzat minn Dr. Portelli lill-ufficcju ta' Dr. GG Gatt:-*

*I had spoken to Dr. Gege agreed on the amount. However we need some time to effect this payment which had not been catered for.*
*So please bear with us*
*Regards Dr. Frank Portelli*

*7. Wasalna fl-1 ta' Marzu 2010 (ara Annex C a fol 29) u Dr. Portelli qed isemmi n-negozjati li kellu mal-Gvern li kienu ilhom ghaddejjin ghal-18-il xahar u li kien ghadu jittama f'konkluzzjoni. Rega ssemma l-istess fl-Annex D (a fol 30) u hawn Dr. Portelli jitlob lil Dr. Gege "please bear with me".*

*8. Dan kollu mhux biss iwaqqa d-difiza tal-preskrizzjoni sollevata izda jgieghel lit-TRIBUNAL jaccetta, dwar il-mertu, dak li qal fl-affidavit tieghu Dr. Gege Gatt. Hawnhekk issir riferenza ghall-para 5 tal-affidavit fejn jinghad li kien biss wara li s-socjeta' attrici iddecidiet li tiehu l-pass li tikteb b'avukat li "Dr. F. Portelli biddel id-diska fejn allega li qatt ma talab is-servizzi ta' "hosting" li rrizulta fil-kont ta' €2,478.00"*

*9. L-arrangamenti li s-socjeta' konvenuta sata kellha ma terzi ma jippregudikax dak li ghadda bejn iz-zewg socjetajiet kontendenti f'dina l-kawza. Is-servizz li s-socjeta' attrici kellha tati, tatu.*

## *IV DECIZJONI*

*In vista ta' dak kollu hawn fuq kunsidrat it-TRIBUNAL jiddeciedi billi (1) jichad l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta, (2) jilqa t-talba atttrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta'*

*attrici il-quantum ta' elf, sitt mija, tlieta u sittin Ewro u tmenin centezmi (€1,663.80c) (3) bl-imghax jibda ghaddej mil-lum sal-jum tal-pagament effettiv u (4) jikkundanna lis-socjeta' konvenuta biex thallas l-ispejjes ta' dina l-kawza".*

Bl-appell minnha introdott fil-konfront ta' din is-sentenza s-soċjetà konvenuta appellanti ressqet zewg aggravji, wiehed li jikkoncerna id-decizjoni tat-Tribunal dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta'l-azzjoni sollevata minnha filwaqt li l-aggravvju l-iehor dwar il-mertu jolqot l-apprezzament tal-provi maghmul fis-sentenza appellata.

Illi s-socjeta appellanti tissottometti illi kwalsiasi korrispondenza li kienet giet skambjata bejn il-partijiet in konnessjoni mal-hlas ta'l-ammont dovut kienet dejjem issir "minghajr pregudizzju" billi din kienet issir bhala offerta *in linea* ta' transazzjoni u ghalhekk ma tistax tekwivali ghal rikonoxximent tad-dejn da parti taghha.

Illi din il-Qorti ma tistax taqbel ma' dana ir-ragunament. Minn qari akkurat ta' dina l-korrispondenza, li kienet issir tramite *e-mails*, jirrizulta illi ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni dwar l-ammont dovut u lanqas illi s-socjeta appellanti kienet qed taghmel xi offerta *in linea t*a' transazzjoni. Kienet is-socjeta appellata li kienet qed tinsisti ghal pagament tad-dejn u biex tagevola dan il-hlas, offriet skont fuq l-ammont dovut sabiex taghlaq il-kontijiet mad-debitur taghha.

Illi l-interruzzjoni tal-perijodu preskrittiv isehh  jew billi l-attur jiddemostra dan permezz ta' xi att gudizzjarju (Artikolu 2128, Kodici Civili) jew billi juri ghas-sodisfazzjoni tat-Tribunal jew tal-Qorti adita bil-vertenza, illi b' certa attitudni tieghu l-konvenut debitur qieghed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li jirrendi inkompatibbli l-posizzjoni guridika tieghu mal-presunzjoni kostitwenti l-bazi tal-preskrizzjoni u dan fid-dawl ta' dak dispost fl-artikoli 2133 u 2134 tal-Kodici Civili.

***"Issa r-rikonoxximent stabbilit mill-precitat Artikolu 2133 jestrinsika ruhu jew permezz ta' xi dikjarazzjoni esplicita jew bi kwalsiasi fatt iehor li jimplika l-ammissjoni ta' l- ezistenza tad-dritt. Ad exemplum, il-weghda tal-hlas, talba ghad-dilazzjoni tal-pagament, il-hlas akkont (Artikolu 2134), l-annotazzjoni tad-debitu f' denunzja tas- successjoni jew f' forma ta' entrata fl-accounts;***

***Jinsab precizat ukoll, kemm fi-duttrina legali, kif ukoll fil- gurisprudenza, illi dan ir-rikonoxximent tad-dritt ghal fini ta' l-interuzzjoni tal-preskrizzjoni hu konfigurabbli fir-rekwiziti tal-volontarjeta`, tal-konsapevolezza, ta' l-inekwivocita`, dejjem b' mod esterjorizzat. Rekwiziti dawn li hu necessarju li jikkoezistu flimkien fl-istess att;***

***Jibqa' dejjem imperattiv illi l-prova dwar dawn l-istess rekwiziti trid issir mill-attur billi huwa dan li jkun qed jikkontrasta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-kontroparti. Zgur li mhux mistenni li din il-prova ssir mill-Qorti jew mit-Tribunal li, anzi, ghandu l-kompitu li jiddeciedi "iuxta allegata et probata". Tajjeb li hawn jigi mfakkar illi, kif drabi ohra deciz, "jekk dwar din l-interruzzjoni hemm konflitt ta' provi, allura l-konsegwenza m' hijiex li ghandha tigi michuda l-preskrizzjoni, imma dik kuntrarja, li ghandha tigi akkolta, peress li l-posizzjoni guridika tkun li mentri jkun fatt li ghadda t-terminu tal-preskrizzjoni, jkun ugwalment fatt illi l-attur ma ssodisfax lill-Qorti li kien hemm interruzzjoni." (Kollez. Vol. XXX P I p 989). Ghaldaqstant dak li hu mportanti hu li r-rikonoxximent allegat mill-attur ikun car u esplicitu (Kollez. Vol. XXXVIII P III p 723);***

***Iccarat is-suespost, jigi sottolinejat ukoll illi l-accertament ta' l-ezistenza, jew le, ta' atti validament interruttivi tal- preskrizzjoni eccepita, jikkostitwixxi indagini ta' fatt rizervat ghall-apprezzament tat-tribunal adit. Apprezzament li hu incensurabbli minn din il-Qorti ta' revizjoni jekk jinstab li dan ikun sorrett minn motivazzjoni kongruwa u serja.****" - Austin Psaila vs Lother Slabick App.Inf.544/2003 deciza fid-09 ta' Frar 2005.*

*"****jekk id-debitur jirrikonoxxi d-dejn, dan ir-rikonoxximent jimporta rinunzja ghall-preskrizzjoni. …. U lanqas hemm bzonn li r-rikonoxximent ikun ghall-kwantita` kollha dovuta, u jista' wkoll jirrigwarda kreditu illikwidu****." (Kollez. Vol. XLIII P II p 744");*

Illi l-Qorti ma ghandha xejn iktar x'izzid ma' dan l-insenjament u applikat l-istess ghall-vertenza in dizamina tara li ma hemm l-ebda mottiv la legali u lanqas fattwali 'il ghala ghandha titbieghed mir-ragunament maghmul mit-Tribunal.

Illi mid-dokumenti esebieti mis-socjeta attrici ma hemmx dubbju illi s-socjeta konvenuta irrikonoxxiet bl-iktar mod car illi hija kienet debitrici lejn is-socjeta appellata u dana ghal iktar minn okkazzjoni wahda kif spjegat fis-sentenza appellata. Illi mhux biss kien hemm dana ir-rikonoxximent, izda is-socjeta attrici sahansitra tat skont lis-socjeta konvenuta appellanti meta irreallizat illi din kellha diffikultajiet finanazjarji u tatha zmien ultra ragjonevoli biex tissalda id-debitu taghha li kien ilu pendent ghal snin twal, haga li baqghet ma ghamlitx. Ma tistax issa s-socjeta appellanti tinqeda bil-*buona volonta* tal-kreditur taghha billi minn fuq tinvoka favur taghha it-trapass taz-zmien li gie lilha gentilment koncess bhala dilazzjoni ghal pagament.

Lanqas ma tista' targumenta, kif sottomess minnha fl-aggravvju dwar il-mertu, illi hija ma kenitx inkarigat lis-socjeta appellata sabiex taghmel *hosting* tal-*web site* taghha meta dan jidher li kien gie espressament miftiehem meta is-socjeta OnDnet kienet ittrasferiet is-servizzi taghha lis-socjeta appellata billi ma kienx

vijabbli illi hija taghmel il-*hosting* tal-*web-site* meta is-socjeta appellata kienet giet inkarigata biex tiddisinja din il-*web-site* hi. Tant hu hekk illi l-*invoices* li jinsabu esebieti in atti kollha jindikaw illi s-socjeta appellata kienet qed titlob il-hlas ghall-istess servizz u dana b'mod regolari u ma tistax issa is-socjeta appellanti issostni illi kien sar ftehim illi dana is-servizz kellu jinghata minghajr hlas. Kieku dan kien il-kaz certament kienet tigbed l-attenzjoni tas-socjeta appellata ghal dan il-fatt ferm qabel u mhux tqajjem dina l-oggezzjoni hekk kif gew intavolati l-proceduri gudizzjarji fil-konfront taghha. Billi l-ammont indikat fl-*invoice* esebiet bhala dokument ISL4 ma giex ikkontestat mis-socjeta appellanti kwindi l-ammont mitlub abbazi ta'l-istess huwa wiehed gustifikat.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata qed tigi ikkonfermata.

L-ispejjez ta' din l-istanza ghandha tbatiehom is-socjeta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------